MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2014

Numru 22/2013

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Godfrey Gambin**
**Adel Mohammed Babani**

Il-Qorti,

Rat l-att ta' Akkuza numru 22/2013 mahruga mill-Avukat Generali kontra Godfrey Gambin [detentur tal-karta tal-identita` numru 243176 (M)] u Adel Mohammed Babani [detentur tal-karta tal-identita` numru 14840 (A)] fis-7 ta' Awwissu, 2013 fejn

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fix-xahar ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) il-pulizija tal-iskwadra ta' kontra d-droga irċeviet informazzjoni dwar importazzjoni li kellha ssir fi xtutna ta' sustanza illeċita f'ammonti konsiderevoli, liema importazzjoni kellha ssir fl-inħawi tax-Xemxija. Effettivament bejn id-disgħa u għoxrin (29) u t-tletin (30)

ta' Ġunju tal-istess sena (2010) inżammet operazzjoni tal-iskwadra kontra d-droga, bl-iskop li tiġi interċettata din l-importazzjoni. Effettivament irriżulta illi għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħodu tat-30 ta' Ġunju 2010, fuq struzzjonijiet tas- superjuri tagħhom l-uffiċjali tal-iskwadra ta' kontra d-droga waqqfu żewġ vetturi tal- għamla Peugeot 106 bin-numru ta' reġistrazzjoni FAJ254 u Hyundai Tucson bin-numru ta' reġistrazzjoni CBR222 fit-triq Dawret in-Nawfraġju fix-Xemxija u arrestaw il-persuni li kienu ġo fihom. Dawn il-persuni kienu jinkludu lil Godfrey Gambin u Adel Mohammed Babani qua l-akkużati f'dawn il-proċeduri.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li fil-ġranet qabel id-disgħa u għoxrin (29) u t-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010), l-akkużati Godfrey Gambin u Adel Mohammed Babani iddeċidew illi jibdew imexxu u jittraffikaw fid-droga cannabis. L- akkużati kienu ftehmu ma' persuna oħra barra minn Malta li kellha tgħaddilhom l-imsemmija droga biex imbagħad l-akkużati jimportawha u jikkonsenjawha lill-persuni oħra f'Malta. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel l-akkużati xjentement iltaqaw ma Nabil Ibrahim Saleh (akkużat fi proċeduri separati) li wasal fix-Xemxija, Malta klandestinament fuq dagħjsa fil-ħinijiet bikrin tat-30 ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) u li kellu fil-pussess tiegħu din id-droga ai fini tat-traffikar tal-istess; fatt li kien ben magħruf u kien filfatt miftiehem mal-akkużati f'din il-kawża. Fortunatament u wara osservazzjoni fit-tul tal-movimenti tagħhom, l-ko-akkużati twaqqfu mill-pulizija tal- iskwadra ta' kontra d-droga kif hawn fuq indikat u dan wara li Saleh wasal ix-Xemxija illegalment u rikeb fil-Hyundai Tucson flimkien mal-ko-akkużat Godfrey Gambin li filfatt huwa l-propjetarju ta' din il-vettura, filwaqt li Adel Mohammed Babani rikeb fil- Peugeot 106 li saq għal quddiemhom. Irriżulta wkoll li meta' twaqqfu dawn il-vetturi, fit-triq ħdejn il-Hyundai Tucson, instabu żewġ basktijiet kontenenti diversi blokkok imdaqqsin suspettati li kienu resina tal-cannabis u ċioe droga illegali skond il-liġijiet tagħna. Dawn il-basktijiet kienu filfatt intremew bid-droga ġo fihom barra mill-vettura Hyundai Tucson fejn kien hemm

Godfrey Gambin u Nabil Ibrahim Saleh u dan seħħ malli l-akkużati nnutaw li kienu ġew interċettati mill-pulizija fil-kors ta' din l-operazzjoni illeċita.

Illi b'hekk, fortunatament l-akkużati u d-droga in kwistjoni ġiet interċettata waqt dan l- arrest mal-wassla tagħha u ċioe` qabel ma ġiet mgħoddija lil ħaddieħor ġewwa pajjiżna ai fini ta' traffikar. Filfatt minn analiżi u eżamijiet li saru wara minn esperti forensiċi, ġie konfermat li s-sustanza li instabet fil-pussess tal-akkużati, kienet effettivament tikkonsisti minn tmienja u sebgħin blokka magħmula mid-droga tar-resina tal-cannabis fl-ammont globali ta' dsatax -il kilo (19 kilo) u erba' mija u tnax il-gramma (412g) u li kellha l-purita` ta' disgħa punt tnejn fil-mija (9.2%). Ir-resina tal-cannabis titqies bħala mediċina perikoluża li hija sustanza illegali skond il-Liġi tagħna, u s-sustanza li nstabet għandha l-valur kumplessiv ta' madwar mija erbgħa u għoxrin elf erba' mija u wieħed u tletin Ewro (€124,431).

Illi b'għemilhom l-imsemmija Godfrey Gambin u Adel Mohammed Babani saru ħatja talli assoċjaw ruħhom ma' persuna jew persuni oħra f'Malta jew ma' persuna jew persuni oħra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibiegħu jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwovew, ikkonstitwew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Godfrey Gambin u Adel Mohammed Babani ħatja talli assoċjaw ruħhom ma' persuna jew persuni oħra f'Malta jew ma' persuna jew persuni oħra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibiegħu jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal- Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwovew, ikkonstitwew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoċazzjoni; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi jiġu kkundannati għal piena kull wieħed ta' priġunerija għal għomorhom u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija

u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed u l-konfiska favur il-gvern ta’ kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 7, 8, 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A) (1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmija akkużati.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi b’referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fil-kap preċedenti ta’ din l-Att tal-Akkuża u ċioe` bejn id-disgħa u għoxrin (29) u t-tletin (30) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-ġimgħat preċedenti għal din id-data, rriżulta li l-akkużati Gambin u Babani volontarjament u xjentement kienu mifthema ma Nabeil Ibrahim Saleh sabiex hu personalment iddaħħal id-droga *cannabis* li sussegwentement instabet mill-membri tal-iskwadra ta’ kontra d-droga kif hawn fuq riferut. Filfatt kif irriżulta mill-ewwel Kap, Nabeil Ibrahim Saleh bi qbil mal-akkużati u konsapevolment, għamel vjaġġ klandestin mill-Libya għal Malta fid-dati indikati fejn effettivament wasal Malta dakinhar stess tat-tletin (30) ta’ Ġunju tas- sena elfejn u għaxra (2010) u fejn mal-wassla tiegħu iltaqa maż-żewġ akkużati f’dawn il-proċeduri li kienu qedgħin jistennew il-wasla tiegħu, bil-għan tat-tkomplija tal-intrapriża lleċita tagħhom. L-akkużati kienu konxji dwar u involuti fl-importazzjoni tad-droga in kwistjoni li mill-investigazzjonijiet irriżultat li kienet raża tal-*cannabis* fl-ammont globali ta’ madwar dsatax il-kilo u nofs li instabu fil-basktijiet li kien qed iġorr Nabeil Ibrahim Saleh wara li dawn intremew mill-vettura Hyundai Tucson propjeta ta u misjuqa mill- akkużat Godfrey Gambin. L-akkużati bi qbil bejniethom għamlu dan kollu sabiex din id-droga illegali tiġi mportata fi xtutna mingħajr ma’ tiġi interċettata u sabiex l-akkużati ikunu f’posizzjoni jittraffikaw din id-droga lil ħaddieħor hawn Malta u jagħmlu l-qliegħ minn dan l-istess negozju.

Effettivament li kieku l-uffiċjali tal-pulizija involuti fl-investigazzjoni ma' interċettawx lill-akkużati fil-mument opportun, din id-droga kienet tgħaddi f'idejn terzi persuni f'pajjiżna li faċilment setgħu jittraffikaw din id-droga perikoluża u illegali għal skopijiet ta' lukru.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi favur l-akkużati, li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Godfrey Gambin u Adel Mohammed Babani saru ħatja talli importaw, ġiegħlu li tiġi importata jew għamlu xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (raża tal-*cannabis*) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal- Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellhomx liċenza jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtoriżża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmija Godfrey Gambin u lil Adel Mohammed Babani, ħatja talli importaw, ġiegħlu li tiġi importata jew għamlu xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (raża tal-*cannabis*) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellhomx liċenza jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l- imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati kull wieħed għall-piena ta' għomor il- ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed u l-konfiska favur il- gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a)(b), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż Legali 292/39) u fl-artikoli 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li

tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fil-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` bejn id-disgħa u għoxrin (29) u t-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-ġimgħat preċedenti għal din id-data, minħabba l-fatt li l-akkużati xjentement involvew ruħhom fl- importazzjoni tad-droga raża tal-cannabis meta xjentement kienu jafu li din kienet intiża għal persuna jew persuni oħra, u minħabba l-fatt li s-sustanza suspettuża li instabet irriżultat, wara l-intervenzjonijiet mediċi u l-analiżi meħtieġa li saru, li filfatt kienet id- droga cannabis speċifikament ir-raża tagħha, u cioe` mediċina perikoluża u illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, anki meta wieħed iqis il-*modus operandi* tat-trasport ta' din is-sustanza, irriżulta li l-akkużati kienu fil-pussess xjenti tad-droga cannabis li hija sustanża perikoluża u llegali skond il-Liġi ta' pajjiżna. Din is-sustanza perikoluża ma kinitx intiża għall-użu personali tagħhom, iżda kif spjegat fil-kapi preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata. In oltre l-ammont tad-droga cannabis li instabet kienet waħda konsiderevoli immens u ċioe` ta' dsatax –il kilo u nofs bil-purita` ta' ċirka disgħa punt tnejn fil-mija (9.2%) liema ammont ċertament ma tindikax skop għall-użu personali iżda intrapriża sħiħa ai fini ta' traffikar u ta' lukru illeċitu li kwindi twassal sabiex din id-droga tinxtered fost diversi persuni oħra.

Anki f'dan il-każ, l-akkużati ma kienux fil-pussess ta' awtoriżazzjoni jew liċenza maħruġa mill-Liġi li tippermettilhom ikollhom fil-pussess tagħhom din is-sustanza perikoluża.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Godfrey Gambin u Adel Mohammed Babani saru ħatja talli, kellhom fil-pussess tagħhom (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet

li jkollhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienux fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienux bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill- Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienux awtoriżżati bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill- Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tagħhom.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmija Godfrey Gambin u lil Adel Mohammed Babani ħatja talli, kellhom fil-pussess tagħhom (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienux fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienux bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienux awtoriżżati bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tagħhom; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena kull wieħed ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro

(€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 3 u 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 għall- Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fil-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` bejn id-disgħa u għoxrin (29) u t-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-ġimgħat preċedenti għal din id-data, wara li ġew arrestati l-ko akkużati huma ġew debitament mitkellma mill-pulizija skond il-liġi fejn irrilaxxaw stqarrija kull wieħed. Irrizulta li l-ko- akkużat Godfrey Gambin wara li ngħata d-debita twissija skond il-liġi u ngħata wkoll il- fakolta li jkellem avukat tal-għażla tiegħu qabel jiġi interrogat, iddikjara li hu ġieli pejjep *joints* kontenenti il-cannabis inkluż il-pjanta tagħha li titqies bħala sustanzi perikolużi u lleċiti skond il-liġi tagħna. B'hekk l-akkużat Gambin ammetta mal-pulizija li kienu qedgħin jinterrogawħ illi hu kellu l-pussess tal-pjanta tal-cannabis għall-użu personali tiegħu u dan anki sa tlett ġimgħat qabel l-arrest tiegħu in konnessjoni ma dan il-każ.

Anki f'dan il-każ, l-akkużat Gambin ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni jew liċenza maħruġa mill-Liġi li tippermettih ikollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.

Illi b'għemilu l-imsemmi Godfrey Gambin sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil- kors ta' transitu minn Malta minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha) meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-

esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l- Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Godfrey Gambin, ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha), meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn tnax-il xahar iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A u 26 ta' l-

Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 3 u 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fil-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` bejn id-disgħa u għoxrin (29) u t-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-ġimgħat preċedenti għal din id-data, partikolarment l-aħħar kap, il-ko akkużat Godfrey Gambin wara li ngħata d-debita twissija skond il-liġi u ngħata wkoll il-fakolta li jkellem avukat tal-għazla tiegħu qabel jiġi interrogat, iddikjara li hu ġieli pejjep *joints* kontenenti ukoll ir-raża tal-cannabis li kif diġa` ġie indikat fil-kapi preċedenti għar-raba' Kap ta' din l-Att tal-Akkuża titqies bħala sustanza perikoluża u lleċita skond il-liġi tagħna. B'hekk l-akkużat Gambin ammetta mal-pulizija li kienu qedgħin jinterrogawh illi hu kellu l-pussess tar-raża tal-cannabis għall-użu personali tiegħu u dan anki sa tlett ġimgħat qabel l-arrest tiegħu in konnessjoni ma dan il-każ.

Anki f'dan il-każ, l-akkużat Gambin ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenza maħruġa mill-Liġi li tippermettiħ ikollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.

Illi b'għemilu l-imsemmi Godfrey Gambin sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizzat bir-Regoli

ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b’xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Godfrey Gambin, ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta’ transitu minn Malta jew mill- ibħra territorjali tagħha), ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan meta ma kienx fil-pussess ta’ awtoriżazzjoni għall- importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort’ oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenza mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma’ kienx awtoriżżat bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b’xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ mhux inqas minn tnax -il xahar iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta’ mhux inqas minn erba’ mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 3 u 4(a) tar-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

Rat in-nota ta’ l-akkuzat Godfrey Gambin tat-2 ta’ Settembru, 2013 li permezz taghha gharraf lill-Onorabbli Qorti li l-Guri tieghu qed ikun ikkontestat fuq il-mertu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat Adel Mohammed Babani pprezentati fis-6 ta’ Settembru, 2013 fejn eccepixxa illi :

1. In-nullita` ta’ l-att ta’ l-akkuza in kwantu d-diskrezzjoni ta’ l-Avukat Generali, kemm meta hareg l-ordni msemmija fis-subinciz (2) ta’ l-artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta) kif ukoll meta kkonferma dik l-ordni bil-hrug ta’ l-att ta’ l-akkuza, giet uzata b’mod zbaljat kif ukoll in vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali ta’ eccipjent;
2. Bla pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, n-nullita` tat-tieni kap ta’ l-att ta’ l-akkuza in kwantu l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat ma giex citat;
3. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-inammissibilita` ta’ l-istqarrijiet, bhala prova tal-kontenut taghhom, tal-ko-imputati fl-istqarrija.

Rat illi t-tieni eccezzjoni giet sanata bid-digriet tas-6 ta’ Novembru, 2013 fejn ordnat id-debita korrezzjoni tat-tieni kap ta’ l-att ta’ l-akkuza u n-notifika taghha kif korretta, lill-akkuzat.

Rat illi t-tielet eccezzjoni giet sanata bid-digriet tas-17 ta’ Settembru, 2013 bid-direzzjoni tal-Qorti dwar il-valur probattiv tax-xhieda tal-ko akkuzati. Jifdal biss ghalhekk x’jigi kkunsidrat l-ewwel eccezzjoni li tikkoncerna d-diskrezzjoni ta’ l-Avukat Generali meta hareg l-ordni msemmija fis-sub inciz 2 ta’ l-Artiklu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi, kif ukoll meta kkonferma dik l-ordni bil-hrug ta’ l-att ta’ l-akkuza, giet uzata b’mod zbaljat kif ukoll in vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali ta’ eccipjent.

Ikkunsidrat.

L-akkuzat Abdel Mohamed Babani qieghed jilmenta illi d-diskrezzjoni ta’ l-Avukat Generali illi jaghzel f’liema Qorti

kellu jigi pprocessat, jekk huwiex il-Qorti tal-Magistrati jew inkellha fil-Qorti Kriminali, jilledi d-drittijiet fundamentali tieghu peress illi dawn il-Qrati ghandhom konsegwenzi differenti ghal dak li jirrigwardja l-piena fejn fil-kaz tal-Qorti tal-Magistrati l-piena titla sa massimu ta' 10 snin, waqt illi fil-kaz tal-Qorti Kriminali din tista titla sa ghomor. Fit-thaddim ta' din id-diskrezzjoni l-ecipjent ma ghandu l-ebda rwol u lanqas kontrol u b'hekk jigi nfaccat "fait accomplis" b'konsegwenzi serji ghad-dritt tieghu ta' smieh xieraq.

Ikkunsidrat.
Jibda biex jinghad illi jekk l-ecijent ghandu xi lment kostituzzjonali xi jressaq dan mhuwiex il-foro fejn jista jigi ddibattut peress illi dan jappartieni biss lil Prim Awla fil-kompitenza kostituzzjonali taghha. Pero' din il-Qorti tista tirreferi ghall-gurisprudenza in materja kemm dawk quddiem il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u kemm dawk f'Malta. L-unika darba illi din id-diskrezzjoni ta' l-Avukat Generali giet kontestata u dibattuta kienet quddiem il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Camilleri vs Malta" liema decizjoni nghatat fit-22 ta' Jannar, 2013 fejn dik il-Qorti sabet biss nuqqas ta' "forseeability" previst mill-Artiklu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ma hassitiex necessarja illi timponi mizura specifika. Din id-decizjoni ma gietx ikkunsidrata bhala censura "ut sic" ghad-diskrezzjoni ta' l-avukat Generali tant illi meta saret kawza mill-istess Joseph Camilleri kontra l-Avukat Generali sabiex il-Guri tieghu ma jsirx, b'decizjoni moghtija fl-1 ta' Lulju, 2013 il-Prim Awla tal-Qorti Civili f'Sede Kostituzzjonali qalet, "*Ghalhekk il-process tas-smieh tal-Guri mhux per se jmur kontra d-drittijiet tal-bniedem, anke taht ic-cirkostanzi lamentati mir-rikorrent, dejjem jekk jitmexxa b'mod gust u jaghti lill-akkuzat smieh xieraq. Ir-rimedju f'kaz ta' sejbien ta' ksur mhux it-twaqqif jew it-thassir tal-process kriminali, cioe' ta' dak li jkun sar bl-ezercizzju ta' diskrezzjoni ta' l-Avukat Generali, u quindi l-Guri f'dan il-kaz m'ghandux jitwaqqaf. Il-Qorti Ewropeja ghamlitha cara illi dak li sabet kien biss nuqqas ta' forseeability previst mill-Artiklu 7 tal-Konvenzjni Ewropeja, liema nuqqas certament ma jfissirx li l-process kriminali ghandu jieqaf u m'ghandux iservi sabiex igib bhala konsegwenza l-paralezi tas-*

*sistema gudizzjarja."* Dan il-kliem huwa car u jfisser illi anke jekk l-eccipjent Babani ghandu xi lment kostituzzjonali xi jressaq dan bl-ebda mod mhu ser jaffettwa l-andament tal-Guri illi ghandu jsir regolarment peress li "*Il-piena hi dik stabbilita fil-ligi fil-mument ta' l-allegatament twettieq tar-reat, u n-nuqqas ta' forseeability jista jaghti lok ghal xi rimedju iehor, izda mhux it-twaqqif tal-process gudizzjarju fil-konfront tal-persuna mplikata.*" (Joseph Camilleri vs AG supra).

Ghalhekk din il-Qorti tghaddi biex tichad l-ewwel eccezzjoni ta' l-akkuzat Abdel Mohamed Babani. Peress illi l-akkuzat Godfrey Gambin ma pprezentax eccezzjonijiet ghall-att ta' l-akkuza ta' l-Avukat Generali, ma hemmx kwistjonijiet ohra x'jigu dibattuti minn din il-Qorti u ghalhekk salv appell minn din is-Sentenza, jekk ikun il-kaz, tiddiferixxi din il-kawza sine die, tistenna t-turn taghha sabiex isir il-Guri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------